MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX)

# (GURISDIZZJONI SUPERJURI)

# (SEZZJONI GENERALI)

## MAGISTRAT DR.

## JOSETTE DEMICOLI

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2014

Citazzjoni Numru. 79/2011

**Emanuel Gauci (ID numru 30837G) ghan-nom u fl-interess ta' l-imsefrin Joseph u Mary konjugi Vella**

**Vs.**

**Michelina Bugeja; L-Avukat Dr Joseph Grech li b'digriet tal-25 ta' Ottubru 2011 gie nominat kuratur deputat biex jidhaer ghall-imsiefra (i) Dolores mart Sam Apap; (ii) Charles Vella u (iii) Rose Enea, Frank, Joseph, Anthony, u Margaret Cybulski, ahwa Vella; Carmela mart Charles Debrincat u Antonia armla ta' Laurence Spiteri**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li jaqra hekk:

i. Illi l-atturi Joseph u Mary konjugi Vella huma sidien ta' bicca raba' maghrufa bhala "Ta' Dun Luqa" fi Triq Dun Luqa, Sannat, Ghawdex, bil-kejl ta' cirka elfejn sitt mija u tmintax–il metru kwadru (2,618m.k.) konfinanti mil-lvant ma' Triq Dun Luqa, mit-tramuntana u mill-punent mad-Dahla tac-Cnus li huma akkwistaw minghand Francis Vella b'kuntratt tas-sbatax (17) ta' Gunju elf disa' mija u tmienja u tmenin (1988) atti Nutar Michael Refalo;

ii. Illi l-konvenuti, Dolores mart Sam Apap, Charles Vella, Rose Enea, Frank, Joseph, Anthony, u Margaret Cybulski, ahwa Vella, kif rapprezentati lokalment mill-konvenuta Michelina Bugeja, bi pretensjoni llecita ta' dritt, istitwew kawza quddiem din l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet "Michelina Bugeja nomine vs Joseph Vella et" (Rikors numru 65/2007 AE) fil-konfront ta' l-atturi li fiha talbu r-rexxissjoni tal-kuntratt imsemmi tas-17 ta' Gunju 1988, u hargu anke mandat ta' inibizzjoni bin-numru tmienja zbarra elfejn u sebgha (8/2007) li nibiet lill-esponenti milli jbieghu l-proprjeta' taghhom imsemmija (Dok. B);

iii. Illi l-konvenuti l-ohra Carmela mart Charles Debrincat u Antonia mart Laurence Spiteri intervjenew fl-istess kawza msemmija u appoggjaw lill-atturi fil-kawza fl-azzjonijiet taghhom;

iv. Illi l-mandat imsemmi dam effettiv sakemm, wara li b'decizjoni tat-tnejn (2) ta' Ottubru elfejn u tmienja (2008) (Dok. C), din l-Onorabbli Qorti cahdet il-pretensjonijiet ta' l-atturi fil-kawza fuq imsemmija bhala nfondati, u fit-tmintax (18) ta' Ottubru elfejn u ghaxra (2010), gie dikjarat dezert appell li l-atturi msemmija ntavolaw fl-atti ta' l-istess kawza (Dok. D);

v. Illi l-proceduri fuq imsemmija saru vessatorjament u nutilment u bl-iskop biss li jfixklu t-trasferiment ta' l-istess proprjeta' da parti ta' l-atturi favur terzi;

vi. Illi konsegwenza ta' dawn il-proceduri l-atturi sofrew u qed isofru danni kif jigi dettaljatament ippruvat fil-kawza ghal-liema danni ghandhom iwiegbu l-konvenuti;

vii. Peress illi l-atturi nterpellaw lill-konvenuti sabiex ihallsu dawn id-danni izda dawn baqghu nadempjenti;

viii. Illi l-esponenti jaf dawn il-fatti kollha personalment.

L-atturi talbu ghalhekk lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara lill-konvenuti solidalment bejniethom jew min minnhom responsabbli ghar-rizarciment tad-danni sofferti minnhom minhabba fil-proceduri gudizzjarji fuq imsemmija.

2. Tillikwida dawn id-danni sofferti mill-atturi kif premess.

3. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex fi zmien qasir u perentorju jhallsu lill-atturi l-ammont hekk likwidat.

Bl-ispejjez kontra taghhom inkluizi dawk tal-mandat ta' inibizzjoni ipprezentat kontestwalment ma' din il-kawza, tal-ittri ufficjali pprezentati f'Jannar 2011 u f'Gunju 2011 u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni.

Rat li fir-risposta guramentata taghhom il-konvenuti Carmela mart Charles Debrincat u Antonia armla ta' Lawrence Spiteri eccepew :

1. Illi l-eccipjenti m'humiex il-legittimi kontraditturi tal-atturi peress li fil-proceduri li a bazi taghhom l-atturi qeghdin jagixxu huma kienu sempliciment intervenjenti fil-kawza kif effettivament huwa ammess u ddikjarat mill-istess atturi fil-paragrafu (iii) tar-rikors guramentat. Illi huwa risaput li l-intervenjent fil-kawza la jirbah u lanqas jitlef, la pprovoka u lanqas accellera l-proceduri jew dewmuhom. Il-posizzjoni tal-intervenjent fil-kawza senjatament ghall-kawza odjerna hija wahda newtrali.

2. Illi oltre' dan it-talbiet attrici huma tal-inqas infondati fid-dritt u fil-fatt u dan ghaliex:-

a. huwa principju fundamentali illi min jesercita dritt li jispetta lilu ma jitqiesx li f'dan l-esercizzju jkun responsabbli ghall-hsara li bhala konsegwenza jista' jbati haddiehor (*qui suo iure utitur non videtur iniuriam facere*).

b. Kull cittadin ghandu dritt jirrikorri lejn l-awtoritajiet gudizzjarji sabiex jittutela d-drittijiet tieghu, basta li dan id-dritt ma jigix abbuzat.

c. Il-fatt li t-talba ta' min jipprovoka l-proceduri tigi michuda mill-Qorti, bl-ebda mod ma jfisser necessarjament li sar abbuz mid-dritt li tigi adita l-Qorti ('Demajo vs Page, Vol XV p.34. P.A. 24-1-1895).

d. Tali abbuz jigi riskontrat f'kazijiet eccezzjonali u dan kwazi dejjem f'kazijiet ta' vessatorjeta' ('Emmanuele Calleja vs Carmelo Grima', Kollezz. Vol XXXIX-1-24) naxxenti minn 'mala fede' jew dolo jew almenu negligenza kolpuza ('Agius vs Dott Carbone noe' Kollezz Vol. XIII p.434) u

e. Dan l-ahhar principju huwa bbazat fuq il-fatt li l-element ta' vessatorjeta' jimplika abbuz ta' dritt tal-azzjoni gudizzjarja ('Samwel Rapa et vs Emmanuel Refalo et' Citazzjoni Numru 63/1995 ikkonfermata fl-Appell).

Mehud in kunsiderazzjoni l-istat tal-gurisprudenza nostrali f'dan ir-rigward it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda fid-dritt u fil-fatt, ghaliex l-eccipjenti, barra milli ghamlu uzu mid-dritt li taghtihom il-ligi kif fuq inghad, dahlu fil-kawza 'Lavori in corso' li kienet giet provokata minn haddiehor u li fiha la kienu atturi u lanqas konvenuti, izda sempliciment intervenjenti fil-kawza.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat li fir-risposta guramentata taghha Michelina Bugeja eccepiet:

3. Illi t-talbiet tal-atturi kif dedotti fil-konfront taghha huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

4. Illi l-involviment ta' Michelina Bugeja fil-proceduri imsemmija mill-atturi u cioe' fil-kawza numru 65/2007AE fl-ismijiet 'Michelina Bugeja noe vs Joseph Vella et' u fil-mandat ta' inibizzjoni nru 8/2007 kien sempliciment wiehed ta' mandatarja tal-imsefrin Rose Enea, Frank Vella, Joseph Vella, Anthony Vella, Margaret Cybukski, Charles Vella u Doris Apap u hija qatt ma kienet involuta personalment f'dawn il-proceduri;

5. Illi stante li dejjem agixxiet bhala rapprezentanta tal-interessi tal-imsemmija ahwa Vella, hija ma tistax tinzamm responsabbli ghad-danni li setghu sofrew l-atturi f'din il-kawza u ghalhekk hija mhijiex il-legittima kontradittorja f'din il-kawza u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

6. Illi l-atturi huma a konoxxenza ta' dawn il-fatti u fil-fatt lanqas huma stess fit-tieni premessa taghhom jiddikjaraw illi Michelina Bugeja kienet tirraprezenta lill-ahwa Vella lokalment.

Ghaldaqstant it-talbiet tal-atturi ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom.

Salv eccezzjonijiet ohra fil-fatt u fid-dritt.

Rat ir-risposta guramentata ta' l-Avukat Dottor Joseph Grech nomine:

1. Illi huwa gie nominat permezz ta' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tal-25 ta' Ottubru, 2011 sabiex jirraprezenta lill-imsiefrin Dolores mart Sam Apap;

Charles Vella u Rose Enea, Frank, Joseph, Anthony u Margaret Cybulski, ahwa Vella;

2. Illi l-esponenti ghadu ma huwiex edott mill-fatti tal-kaz;

3. Illi madankollu l-esponenti qieghed minn issa jirriserva li jressaq dawk l-eccezzjonijiet kollha kif ukoll dawk il-provi kollha li jistghu jirrizultaw necessarji matul il-kawza skond il-ligi.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti allegati.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza nkluz in-noti ta' sottomissjonijiet.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Kunsiderazzjonijiet**

Permezz ta' din il-kawza l-atturi qeghdin jitolbu l-hlas ta' danni in segwitu ghall-prezentata tal-kawza fl-ismijiet 'Michelina Bugeja noe vs Joseph Vella et' (Rik Nru: 65/2007AE) u l-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni bin-numru 8/2007 peress li jsostnu li dawn il-proceduri saru vessatorjament u nutilment u bl-iskop biss li jfixklu t-trasferiment tal-proprjeta' ta' l-atturi favur terzi.

**Fatti**

Illi jehtieg ghalhekk li jigu elenkati l-fatti li wasslu ghall-kawza odjerna:

- Il-konjugi Josephine u Francis Vella li mietu fl-10 ta' Mejju 1967 u fit-12 ta' Ottubru 1991 rispettivament kellhom sebat itfal ossija Joseph, Carmela Debrincat, Antonia Spiteri, Dolores Apap, Margaret Said, Charles u Saviour. Saviour miet u l-eredi tieghu huma wliedu Rose Enea, Frank, Joseph, Anthony u Margaret Cybulski.

- Michelina Bugeja hija t-tifla ta' Antonia.

- Permezz ta' kuntratt datat 17 ta' Gunju 1988 fl-atti tan-Nutar Dr Michael Refalo, il-konvenut Joseph Vella xtara minghand missieru porzjon art 'Ta' Dun Luqa', Triq Dun Luqa, Sannat, Ghawdex tal-kejl ta' cirka 2,618m.k. Fil-parti tal-provenjenza nghad li l-immobbli ilu fil-pussess tal-venditur ghal aktar minn 30 sena.

- Jirrizulta li permezz ta' ittra legali datata 2 ta' Awwissu 2000 mibghuta minn Michelina Bugeja bhala mandatarja ta' Antonia Spiteri, Dolores Apap, Carmel Vella kif ukoll ghan-nom ta' Rose Enea, Frank, Joseph, Anthony u Margaret

Cybulski kitbu lil Joseph Vella rigward il-kuntratt appena msemmi u ntqal *"Issa matul iz-zmien kollu illi Francis Vella dam fil-pussess ta' din ir-raba' huwa kien mizzewweg lil ommok (li tigi omm u nanna tal-klijenti tieghi) u ghalhekk dik ir-raba' kienet tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti bejn il-genituri tieghek. Galadarba ommok kienet gia mietet fl-1988, sehemha kien diga' iddevolva favur uliedha kollha u ghalhekk missierek seta' jbeghlek biss nofs indiviz minn din ir-raba'.Di piu' dan kollu inti kont tafu u ghalhekk il-pussess tieghek ta' din ir-raba' qatt ma seta' kien in bona fede.*

*Ghaldaqstant inti mitlub sabiex fi zmien gimgha mid-data tal-prezenti tersaq ghal kuntratt rexissorju u dikjaratorju fis-sens illi inti tirrikonoxxi illi nofs minn din ir-raba' jappartjeni lill-assi ereditarji ta' ommok,"*

- Permezz ta' konvenju tat-23 ta' Settembru 2006 l-atturi nomine fil-kawza odjerna weghdu li jbieghu lil JB Holdings Ltd l-art 'Ta' Dun Luqa' f'Sannat, Ghawdex versu l-prezz ta' Lm800,000. Il-kuntratt ta' bejgh kellu jsir sa mhux aktar tard mill-15 ta' Gunju 2007. Dan il-konvenju gie registrat mad-dipartiment tat-taxxi nterni fit-28 ta' Sttembru 2006[1].

- Fit-18 ta' Jannar 2007 giet prezentata ittra ufficjali minn Michelina Bugeja bhala mandatarja ta' l-imsefrin Charles Vella u Doris Apap fil-konfront ta' Joseph Vella u nterpellatu ghar-rexissjoni tal-kuntratt tal-1988 peress li gie allegat li dan sar bi frodi stante li r-raba' ma kinitx tappartjeni lil Francis Vella izda raba' li kienet gejja mill-wirt ta' l-omm u ghalhekk kienet proprjeta' parafernali tal-omm.

- Fl-1 ta' Frar 2007 gie prezentat rikors ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni minn Michelina Bugeja f'isem u in rapprezentanza tal-imsiefra Charles Vella, Doris Apap u Rose Enea kontra Joseph Vella sabiex ma jsirx il-kuntratt ta' bejgh tal-art fuq imsemmija peress li sostnew li Francis Vella ma setax *"ibiegh l-istess raba' stante li din kienet proprjeta' parafernali ta' martu Guzeppa Vella nee Spiteri"* u allegaw li l-bejgh sar bi frodi ghad-drittijiet taghhom.

- Fit-13 ta' Gunju 2007 saret estensjoni tal-konvenju.

- Fil-21 ta' Gunju 2007 giet prezentata l-kawza (Rik Nru:65/07AE) minn Michelina Bugeja bhala mandatarja tal-imsiefra Rose Enea, Frank Vella, Joseph Vella, Anthony Vella, Margaret Cybulski, Charles Vella u Doris Apap kontra Joseph Vella li permezz taghha ttentaw jimpunjaw il-kuntratt ta' bejgh tal-1988 li sar bejn Joseph Vella u missieru wara l-mewt ta' omm il-konvenut ghaliex sostnew li l-fond kien intiret minn ommu u bhala ko-werrieta taghha huma kienu proprjetarji ta' sehem indiviz.

- Fis-seduta tad-29 ta' Novembru 2007 l-atturi ddikjaraw li t-tezi taghhom kienet li l-art inkwistjoni kienet ta' certu Giuseppa Theuma li hallietha b'wirt lil Francesco u Giuseppa konjugi Vella pero' ddikjaraw li ma kellhomx taghrif dwar il-mod ta' kif Giuseppa Theuma akkwistat din il-proprjeta'.

[1] Xhieda ta' Spiru Formosa in rapprezentanza tad-dipartiment tat-taxxi interni fis-seduta tat-28 ta' Frar 2012

- L-atturi f'dik il-kawza sostnew ukoll li jekk kif jinghad fil-kuntratt ta' bejgh l-art giet akkwistata minn Francis Vella bil-preskrizzjoni trigenarja din giet akkwistata bhala parti mill-komunjoni tal-akkwisti bejn Francis u martu.

- Permezz ta' digriet tas-16 ta' Novembru 2007 gew awtorizzati jintervjenu fil-kawza in statu et terminu Antonia Spiteri u Carmela Debrincat.

- Dik il-kawza giet deciza permezz tas-sentenza tat-2 ta' Ottubru 2008 li cahdet it-talbiet attrici. Dan wara li l-Qorti kkunsidrat li (i) ma kienux tressqu provi sodisfacenti li l-proprjeta' kienet tifforma parti mill-wirt ta' Giuseppa Theuma, tant li fid-denunzja li saret wara l-mewt ta' din Giuseppa Theuma tali art ma tissemmix; u (ii) fid-data tal-mewt ta' Giuseppa Vella l-art ma kinitx ghadha tifforma parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti. Dwar l-ispejjez ad eccezzjoni tat-tieni u t-tielet eccezzjoni dawn huma a karigu ta' l-atturi filwaqt li l-ispejjez li saru mill-intervenuti fil-kawza huma a karigu taghhom.

- L-attrici nomine nterponiet appell fit-22 ta' Ottubru 2008. L-intervenuti fil-kawza pprezentaw risposta u sostnew li l-appell kellu jigu milqugh.

- L-avviz ghas-smiegh tal-appell inhareg fl-24 ta' Awwissu 2010 u l-appellanti gew mitluba jaghmlu garanzija ghall-ispejjez tal-kawza fl-ammont ta' €89,503. L-appellanti nomine giet notifikata b'dan l-avviz u b'din it-talba fid-9 ta' Settembru 2010.

- Fit-18 ta' Ottubru 2010 l-appell gie dikjarat dezert peress li ma thallsitx il-kawtela u l-garanzija tal-appell.

- Fit-23 ta' Dicembru 2010 sar ftehim, li fuqu deher ukoll Emanuel Gauci nomine, fis-sens li JB Holdings Ltd giet sostitwita bil-kumpanija GAV Limited.

- Fl-4 ta' Ottubru 2011 giet prezentata l-kawza odjerna.

**Eccezzjoni tal-konvenuti Antonia Spiteri u Carmela Debrincat**

Illi dawn il-konvenuti eccepew li huma mhumiex il-legittimi kontradittturi peress li ma kienux huma li talbu li jinhareg il-mandat ta' inibizzjoni u fil-kawza numru 65/2007AE huma kienu biss intervenuti fil-kawza.

Il-Qorti tirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet **Azzopardi vs Ellul et**[2] u ghall-gurisprudenza hemm imsemmija. Il-qorti qalet hekk:

---

[2] Cit Nru: 1077/2009LFS deciza fid-29 ta' Ottubru, 2010

*"Fis-sentenza ta' l-10 ta' Novembru 1888 tal-Corte Civile Di Sua Maesta, Prim'Aula (Giudice di Sua Maesta` Luigi Ganado LL.D.), fl-ismijiet* ***Negte. Luigi Paolo Vella Hass versus Vincenzo Camenzuli ed altri****, intqal:*

*"Le persone interessate in un giudizio, sia che il loro interesse le spinga a sostenere Ia domanda, sia che convenga loro di opporla, sono ammesse a prendere parte in tale giudizio, ma il loro intervento non ha l'effetto di essere, considerato ne` come attori né come convenuti, a differenza del chiamato in causa, il quale, per disposizione di legge, deve essere considerato come qualunque altro convenuto;*

*"Che dagli articoli 977, 978 e 979 delle Leggi di Procedura combinati insieme, si desume che l'ammesso nello stato e nei termini di una causa, il quale spontaneamente si presenta a prenderne parte, senza potere sospendere le procedure, non ha il diritto di reclamare, ne e` tenuto a soffrire alcuna parte delle spese del giudizio, sia che egli abbia sostenuto chi dei contendenti, attori o convenuti, ha vinto, sia che abbia sostenuto quello che ha perduto. Perocchè in quelle disposizioni, dopocchè vi fu stabilito che l'interessato in una lite, dietro suo ricorso, potesse essere ammesso nello stato e nei termini, senza indicarne alcun altro diritto nè alcun obbligo, si e` passato a parlare del chiamato in causa, ritenendolo come convenuto, e come se la causa fosse stata sin dal principio proposta contro di lui, con potere fare scritture, dare qualunque eccezione, ed avere qualunque vantaggio che Ia legge accorda ad un convenuto, e, per conseguenza, con poter essere, secondo le circostanze, liberato o condannato. Or se all'ammesso nello stato e nei termini si fosser volute dare quei vantaggi od imporre quegli oblighi, in tutto od in parte, quelle disposizioni di legge sarebbero concepite in modo da risultarne quel concetto."*

*Ukoll, fil-kawza deciza mill-AuIa Civile fit-8 ta' Mejju 1905 fl-ismijiet* ***Nob. lgnazio Testaferrata Bonici versus Nob. Filippo Testaferrata Bonnici noe et****, intqal:*

*"Considerando che gli eccipienti fondano Ia Ioro eccezione sull'articolo 979 delle Leggi di Procedura ove e` disposto che, "il "terzo chiamato in causa potra` valersi del diritto di fare qualunque "scrittura, dare qualunque eccezione ed avere qualunque vantaggio "che Ia legge accorda ad un convenuto, e potrà, secondo le "circostanze essere condannato o Iiberato come se fosse stato sin "da principio contro di Iui proposta Ia causa"***;** *mentre tale disposizione non occorre nell' articolo precedente 977, ove si contempla il caso dell' ammesso in causa;*

*Che, pero`, il suddetto articolo 977 si limita a dire che I'interventore riprende Ia causa "nello stato e nei termini in cui Ia stessa "si trovi", e che Ia sua ammissione "non sospende Ia procedura della causa". II che` non significa che` in tutti gli atti che restano a compiere per I' istruzione della causa dopo Ia sua ammissione egli non possa valersi di tutti i mezzi che la legge gli accorda per far valere le proprie ragioni. Senza di cio` l'intervento fallirebbe ai principali suoi scopi; di tutelare, cioe`, gli interessi dell'interventore di fronte ad una o ad amendue le parti contendenti e di non moltiplicare le*

*liti. Che se per l'articolo 262 di quelle leggi chiunque creda di avere interesse puo` interporre appello da una sentenza allo scopo di dimostrarne la ingiustizia coi mezzi tutti che` la legge accorda a qualunque appellante, a piu` forte ragione si deve ritenere che colui il quale, dimostrato il suo interesse, viene ammesso in una causa fra altri pendente, puo` valersi di tali mezzi per far valere le proprie ragioni;"*

*Fis-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili presjeduta mill-Imhallef Joseph Flores fit-28 ta' Ottubru 1960 fl-ismijiet* ***Ivo Borg vs Carmelo Muscat*** *intqal: 'l-frazi "a party to the suit" ma kienetx tirrikorri fit-test originali tal-ligi bit-Taljan li kien jinqara "Chiunque dimostri... di avere interesse in una causa gia` tra altri pendente puo` essere ammesso allo stato e nei termini in cui essa si trova..."*

*Skond il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati, l-intervenjent "in statu et terminis" mhuwiex proprjament parti fil-kawza fis-sinifikat specifiku li l-espressjoni "parti" tircievi fil-konfronti tad-dispozizzjonijiet tal-Procedura Civili (art.959, 960. 961) li jirregolaw l-istitut ta' l-intervent f'kawza.."*

*L-Onorevoli Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet* ***Ellul Sullivan nomine vs Abela nomine*** *(1971) qalet:*

*"l-intervenjent ma hux parti jew kontendent, cioe` huwa ma jsirx la attur u l-anqas konvenut. Ghalkemm il-Qorti ghandha tikkonsidra is-sottomissjonijiet tieghu u ghalhekk tiddeciedi l-punti li huwa jissolleva huwa ma jsirx legittimu kontradittur – u dan a differenza tal-kjamat li huwa b'ligi espressa kunsidrat konvenut fil-kawza."*

*L-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Kummercjali) fis-sentenza taghha fl-ismijiet* ***Joseph Galea vs Alfred Cardona****, deciza fit-28 ta' Lulju 1987, irriteniet illi:-*

*"l-intervenut fil-kawza, jekk it-talba tieghu tigi milqugha mill-Qorti, jigi mdahhal fil-kawza proprju fl-istadju u fit-termini li l-istess kawza kienet waslet. B'ebda mod pero`, dan l-intervenut fil-kawza ma jista' jwaqqaf il-procedura taghha";*

*Ghalhekk min jintervjeni fil-kawza "in statu et terminis" mhux parti fil-kawza u ma jistax jigi ikkundannat jew illiberat; imma jista' jipprezenta skritturi fil-kawza u jiehu parti attiva fid-diskussjoni.*

*Fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell (Superjuri) tas-7 ta' Novembru 1988 fl-ismijiet* ***Anthony Psaila vs Arthur Biggerstaff*** *jinghad:*

*'l-intervenut fil-kawza in statu et terminis ... mhux imdahhal fil-gudizzju pendenti bejn il-kontendenti Ia bhala attur u anqas bhala konvenut fis-sens li la jista' 'jigi kkundannat u anqas illiberat u dan a differenza tal-kjamat fil-kawza… sentenza ma tista' qatt tigi esegwita mill-intervenut fil-kawza u vice versa fl-ebda kaz ma tista' sentenza tigi esegwita kontra tieghu.'*

*Il-Qorti ta' l-Appell (Superjuri) fis-sentenza taghha tal-31 ta' Jannar 1996 fl-ismijiet* ***Joseph Buhagiar pro et noe vs Carmel sive Charles Psaila*** *qalet:*

*'illi intervenut fil-kawza in statu et terminis ..., kif dejjem gie ukoll ritenut fis-sistema procedurali Malti, mhux meqjus proprjament bhala parti fil-kawza... Una volta l-intervenut hu kkonsidrat li mhux parti fil-kawza, hu ma jistax bhala regola jigi liberat jew ikkundannat. Minn dan johrog li l-Qorti allura m'ghandha l-ebda obbligu tippronunzja ruhha fuq l-eccezzjonijiet minnu moghtija. Dan fis-sens li mhijiex tenuta li tiddecidihom fir-rigward tieghu anke jekk hi, fil-konsiderazzjonijiet taghha biex tasal ghall-gudizzju, tkun qieset - kif ghandha dritt - u anke sostniet id-deduzzjonijiet tieghu. Hi pacifika d-distinzjoni fir-rwol ta' l-intervenut fil-kawza. Distinzjoni nettament definita fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (artikolu 960-962). Distinzjoni Ii ssib il-qofol taghha fil-fatt li l-kjamat fil-kawza a differenza ta' l-intervenut hu kkunsidrat bhala konvenut u jista' 'jigi lliberat jew ikkundannat. Il-Qorti ghandha allura fil-kaz tal-kjamat fil-kawza l-obbligu li tiddeciedi u tikkonsidra l-eccezzjoni minnu moghtija.'*

*Fis-sentenza tat-18 ta' Marzu 2004, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili presjeduta mill-Onor. Imhallef Dr. Lino Farrugia Sacco, fil-kawza fl-ismijiet* ***Gatt vs Montanaro*** *qalet:*

*"Illi huwa risaput u jikkostitwixxi dottrina stabbilita li l-intervenut fil-kawza jrid jaccetta l-kawza in statu et terminis, u ghalhekk ghandu jaccettaha fit-termini u fl-istadju li huwa jsibha fil-mument ta' l-intervent tieghu u ma jistax jerga' jiftah mill-gdid il-gbir tal-provi."*

*Fis-sentenza ta' l-10 ta' Jannar 2005 fl-ismijiet* ***Mario Galea Testaferrata et vs Prim Ministru et****, il-Qorti Kostituzzjonali qalet:*

*"8. Issa, fil-ligi taghna l-istitut ta' l-intervent fil-kawza hu regolat bl-Artikolu 960 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. L-interess mehtieg sabiex wiehed jintervjeni skond l-imsemmija disposizzjoni irid ikun interess guridiku, u cioe` interess sostanzjali u dirett fil-kawza u mhux semplicement interess fl-ezitu ta' dik il-kawza bil-hsieb li dak l-ezitu jista' talvolta jkollu implikazzjonijiet, pozittivi jew negattivi, f'kawza jew kawzi ohra futuri (ara, passim,* ***Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Simon Tabone*** *Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) 28/4/2004;* ***Angelo Abela vs Joseph Zahra u Napuljun Carabott*** *Qorti ta' l-Appell (Sede Superjuri) 29/10/02). Fi kliem iehor, l-intervenut fil-kawza jitlob li jintervjeni, u ghandu jigi ammess li hekk jintervjeni, biex jipprotegi l-interessi tieghu f'dik il-kawza partikolari u mhux f'kawza jew kawzi ohra li talvolta jistghu jigu intavolati. Fil-kaz in dizamina hu evidenti li l-interess li qed jippretendu Grima u Bajada*

*ma hux interess dirett fil-kawza bejn Mario Galea Testaferra et min-naha u l-Gvern u l-konjugi Theuma u Grech min-naha l-ohra, izda semplicement interess fl-ezitu in kwantu huma jibzghu li, galadarba jkun hemm ezitu ta' certu tip, dan l-ezitu jista' jkollu riperkussjonijiet fuq drittijiet li huma jivvantaw in konnessjoni ma' proprjeta` li ma ghandha x'taqsam xejn ma dik li hija l-bazi tal-kawza de quo. Tali interess evidentement ma jistax jiggustifika intervent fis-sens tal-Artikolu 960 tal-Kap. 12, ghax altrimenti f'kull kawza li fiha jkollu jigi determinat xi punt legali ta' applikazzjoni piu` o meno generali jkun ifisser li kull min ghandu jew jista' talvolta jkollu kawza li tinvolvi b'xi mod dak il-punt ikun jista' jintervjeni in statu et terminis – din il-Qorti ma tahsibx li ghandha ghalfejn telabora fuq il-konfuzjoni li tinholoq fil-kawza li kieku dan kellu jkun hekk."*

*Ukoll, il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-7 ta' Novembru 1988 fl-ismijiet **Anthony Psaila vs Arthur Biggerstaff** fejn issemma li l-intervent in statu et terminis mhux imdahhal bhala parti fil-gudizzju pendenti bejn il-kontendenti la bhala attur u lanqas bhala konvenut. Ghalhekk, fil-kaz ta' ezitu favorevoli ghalih, ma jistax jesegwixxi s-sentenza; u fil-kaz ta' ezitu sfavorevoli ghalih, is-sentenza ma tistax tigi ezegwita kontra tieghu.*

*Illi fuq dan il-punt il-Costa jirrileva li:-*

*"il principio dell'accettazione della lite in statu et terminis deve intendersi sotto due profili:*

*1 l'interveniente non puo` opporre eccezioni, difese o prove gia` precluse alle parti;*

*2 all'interveniente si possono opporre tutti i fatti della gia` compiuta istruttoria, senza che egli possa a sua volta opporvi delle difese dei fatti ormai preclusi."*

*Is-Satta jemfasizza:-*

*"il terzo possa dedurre prove, purche` queste si riferiscano non alla posizione delle parti ma al diritto che il terzo intende tutelare mediante il suo intervento".*

*Ghalhekk, in succint, il-pozizzjoni ta' l-intervenut fil-kawza a distinzjoni tal-kjamat in kawza, la huwa attur u anqas konvenut. Hu la jista' jitlob ghall-hlas ta' l-ispejjez tieghu u anqas jista' jigi ikkundannat ghall-ispejjez. L-intervenut ma jistax jigi ikkundannat jew illiberat, fis-sens li sentenza ma tista' qatt tigi esegwita mill-intervenut fil-kawza u vice versa u normalment ma tistax sentenza tigi esegwita kontra tieghu. L-intervenut hu ikkonsidrat li mhux parti fil-kawza. L-intervenut fil-kawza ghandu jkollu interess guridiku u mhux sempliciment interess fl-ezitu. Hu jista' jitlob li jintervjeni, u ghandu jigi ammess li hekk jintervjeni, biex jipprotegi l-interessi tieghu f'dik il-kawza partikolari u mhux f'kawza jew kawzi ohra li talvolta jistghu jigu intavolati. Hu m'ghandux id-dritt*

*li jipprezenta eccezzjonijiet gja decizi. Filwaqt li fl-artikolu 962 tal-Kap 12 dwar il-kjamat in kawza jinghad li din ghandha tigi notifikata bir-rikors u titqies bhala kull konvenut iehor u li bhala tali ghandha jedd tipprezenta kull skrittura, li taghti kull eccezzjoni, u li tinqeda b'kull beneficcju iehor li l-ligi taghti lill-konvenut u tista' tigi mehlusa jew ikkundannata daqs li kieku mill-ewwel il-kawza kienet proposta kontra taghha, dan il-kliem ma jinstabx fl-artikolu 960 li jitkellem dwar l-intervenut fil-kawza. L-intervenut ma jsirx legittimu kontradittur – u dan a differenza tal-kjamat li huwa b'ligi espressa kunsidrat konvenut fil-kawza. Il-Qorti ghandha l-obbligu li tikkonsidra s-sottomissjonijiet ta' l-intervenut fil-kawza u ghalhekk tiddeciedi l-punti li huwa jissolleva. L-intervenut jista' jipprezenta skritturi fil-kawza u jiehu parti attiva fid-diskussjoni".*

Illi jirrizulta mill-atti li dawn il-konvenuti ma kienux talbu l-ispedizzjoni tal-mandat ta' inibizzjoni kontra Joseph Vella li permezz tieghu huwa gie nibit milli jittrasferixxi l-proprjeta' tieghu. Huma kienu ntervjenew fil-kawza li saret in segwitu ghall-mandat ta' inibizzjoni u prezentaw ukoll risposta ta' appell. Izda b'applikazzjoni ta' l-insenjamenti li saret referenza ghalihom ossija li l-intervenut fil-kawza la huwa attur u lanqas konvenut, li sentenza ma tistax tigi ezegwita kontrih jew a favur tieghu jkun kapovolgiment ta' dan l-istitut kollu li kieku l-Qorti kellha tiddeciedi li intervenut jista' jigi kkundannat ihallas danni ghaliex ikun intervjena f'kawza. Oltre' dan huma ma kienux talbu l-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni u ma rrizultax li b'xi mod kienu wara l-istess rikors.

Ghaldaqstant l-eccezzjoni ta' dawn il-konvenuti hija misthoqqa u kwindi l-istess qeghdin jigu liberati mill-osservati tal-gudizzju.

**<u>Eccezzjoni tal-konvenuta Michelina Bugeja</u>**

Illi Michelina Bugeja qeghdha teccepixxi li hija mhix il-legittimu kontradittur ghall-pretensjonijiet attrici u dan peress li hija dejjem agixxiet bhala mandatarja ta' l-imsefrin kemm fil-proceduri tal-mandat ta' inibizzjoni kif ukoll ghall-kawza li segwit.

Illi mill-atti jirrizulta ampjament li Michelina Bugeja qatt ma agixxiet f'isimha proprju izda dejjem f'isem l-atturi li kienu msiefra. L-atturi jsostnu li kienet hija li kienet taghti n-nar izda mill-provi prodotti dan ma rrizultax. Hawnhekk se ssir referenza ghas-segwenti artikoli tal-ligi:

*"**1871.** (1) Meta l-mandatarju jkun agixxa fl-isem tieghu nnifsu, il-mandant m'ghandux azzjoni kontra dawk li maghhom il-mandatarju jkun ikkuntratta, u lanqas dawn m'ghandhom azzjoni kontra l-mandant.*

*(2) Izda, f'dan il-kaz, il-mandatarju hu obbligat direttament lejn il-persuna li maghha kkuntratta daqs li kieku l-affari kienet tieghu nnifsu.*

***1879.** Il-mandatarju, illi jkun gharraf bizzejjed bis-setghat tieghu lill-parti li maghha jkun ikkuntratta f'dik il-kwalità, ma jwiegeb ghal ebda garanzija dwar dak li jkun ghamel barra minn dawk il-limiti, hlief jekk hu jkun obbliga ruhu huwa nnifsu ghaldaqshekk".*

Anki minn qari ta' dawn l-artikoli huwa evidenti li sakemm il-mandatarju jkun agixxa fil-limiti tal-mandat tieghu, u fil-kaz odjern ma giex pruvat il-kuntrarju, it-terzi ma jkollhom l-ebda jedd li jduru kontrih.

Ghalhekk anki l-eccezzjoni ta' Michelina Bugeja hija misthoqqa.

**Mertu**

Qabel xejn din il-Qorti se taghmel referenza ghall-gurisprudenza li tirregola meta persuna li jkun inhareg mandat kawtelatorju kontriha jkollha dritt tippretendi danni.

Fil-kawza fl-ismijiet **Blye Engineering Co Ltd vs Paolo Bonnici Ltd**[3] inghad:

*"Il-principju assodat mill-gurisprudenza lokali hija li ezercizzju ta' dritt ma jista' qatt iwassal ghar-responsabilita' ghad-danni, sakemm dak id-dritt ma jkunx abuzat u jkun ezercitat fil-limiti permessibbli mil-ligi. Ghalhekk, gie deciz li min jiftah kawza u jitlifha ma jkunx responsabbli ghad-danni, sakemm il-ftuh tal-kawza ma jkunx sar b'mod vessatarju (ara "Farrugia vs Sammut", Kollez. Vol. XXXVIII.I.223; u "Barbara vs Fleri" Kollez. Vol. XXVIII.III.695). Huwa biss meta persuna tagixxi kapriccjosament jew b'mala fede, li hija tista' tkun responsabbli ghad-danni li jsegwi l-agir irresponsabbli taghha.*

*Din il-Qorti, ghalhekk, fil-waqt li tista' taqbel li c-cirkustanzi ta' meta min ikun hareg Mandat kawtelatorju jista' jinstab responsabbli ghad-danni, mhux limitati ghal dak provdut fl-artiklu 836(8) tal-Kap. 12, thoss li r-responsabilita' trid tohrog mill-applikazzjoni tal-artikoli 1031 u 1032 tal-Kodici Civili (Kap. 16), b'mod li jkun responsabbli biss jekk jagixxi b'imprudenza, b'negligenza jew mhux bil-hsieb ta' bonus paterfamilias. Din il-pozizzjoni tidher li kienet abbraccjata wkoll minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef (illum President Emeritus) Joseph Said Pullicino fil-kawza "Spiteri vs Camilleri", deciza fl-10 ta' Jannar, 1992. F'dik il-kawza gew riaffermati s-segwenti principji:*

*(a) Illi huwa principju fundamentali illi min jezercita dritt li jispetta lilu ma jistax jitqies li f'dan l-ezercizzju ikun responsabbli ghall-hsara li bhala konsegwenza jista' jbaghti haddiehor, in omagg ghall-massima "qui suo iure utitur, non videtur damnum facere", bil-konsegwenza li d-dritt ghar-rikors ghall-protezzjoni tal-Qorti, huwa dritt li l-ezercizzju tieghu mic-cittadin m'ghandu bl-ebda mod jigi mxekkel;*

[3] Cit Nru: 492/2002TM deciza fis-7 ta' Lulju 2004

*(b) Illi tali dritt tac-cittadin ghar-rikors lejn il-Qorti m'ghandux jigi abbuzat;*

*(c) Illi l-fatt li t-talba ta' min ipprovoka l-proceduri tigi michuda mill-Qorti, bl-ebda mod ma tfisser necessarjament li sar abbuz mid-dritt li tigi adita l-Qorti. "Non e' in colpa chi, credendo in buona fede di possedere un diritto, ne chiede al tribunale il riconoscimento, sebbene non vi riesca" ("Demajo vs Page" – Kollez. Vol. XV. Pg. 34 P.A. 24.1.1895). Dan ghaliex ghalkemm il-ligi hija l-istess ghal kulhadd, huwa veru ukoll li l-ligi hija soggetta ghall-diversi interprettazjonijiet li l-partijiet jafdaw fil-gudikant biex jinterpreta u jiddeciedi dwarhom;*

*(d) Illi tali abbuz jigi riskontrat biss f'kazijiet eccezzjonali u dan kwazi dejjem f'kazijiet ta' vessatorjeta' ("Emanuele Calleja vs Carmelo Grima" – Kollez. Vol. XXXIX.I.24) nascenti minn mala fede jew dolo jew almenu negligenza gravament kolpuza ("Agius vs Dott. Carbone nomine" – Kollez. Vol. XIII.434), fejn min ikun adixxa lill-Qorti ghall-hrug ta' tali mandat kawtelatorju ikun ibbaza fuq cirkostanzi manifesti "priva di qualsiasi fondamento nel fatto e nel diritto per cui il giudizio promosso si dimostri vessatorio. Ma un fallace apprezzamento dei fatti posta a base dell'istanza e delle consequenze giuridiche che ne derivano non e' sufficiente a legittimare una domanda per danni da parte del vincitore nelle lite" ("Mugliette vs Bezzina" – Kollez. Vol. XXVI.I.405);*

*(e) Illi dan l-ahhar principju huwa bbazat fuq il-fatt li l-element ta' vessatorjeta' jimplika abbuz tad-dritt ta' azzjoni gudizzjarja, ghaliex inghad sew illi:-*

*"Il diritto cessa dove comincia l'abbuso … … riteniamo che basta, per protteggere tutti l'interessi che ne sono degni, per dare una base giuridica alle diverse decisioni che provocano i bisogni della societa', di aderire al*

*concetto generale che tutti I diritti hanno dei limiti".*

*Applikat dan il-principju ghad-dritt ta' azzjoni kontra persuna jfisser illi "chi agisce in mala fede od in seguito ad un grossolano errore, puo' essere condannato a pagare un'indemnita' al suo avversario …" (Baudry – Lacantinerie – Trattato Prattico di Diritto Civile – Delle Obligazioni –*

*Vol. VI. Pg. 560).*

*Din il-Qorti, kif issa diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Raymond Pace, fil-kawza "S N Properties Ltd vs Camilleri", deciza fis-6 ta' Gunju, 2000, kienet ukoll ta' l-istess fehma. F'dik il-kawza intqal li: "minn ezami tal-istess ragunijiet jidher car, li apparti xi ragunijiet specifici li gew introdotti per se fl-istess artikoli, l-ispirtu tal-istess artikoli huwa intiz, sabiex bhal ma stabbilit fil-gurisprudenza konstanti ezistenti qabel il-promulgazzjoni tal-istess emendi, ma jkunx hemm abbuz*

*minn tali hrug ta' mandati kawtelatorji, u dan l-abbuz huwa identifikat f'kazijiet ta' mala fede, vessatorjeta' u negligenza grossolana".*

*"Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti tali kazijiet ma eliminawx per principju l-azzjoni generali ghad-danni fuq riferita fis-sentenzi citati ai termini tal-**Artikolu 1031 tal-Kap16,** dejjem fil-kuntest u b'konsegwenza ta' dritt ta' azzjoni, pero' in verita' u fil-prattika tali azzjoni, diretta ghall-hrug ta' Mandati kawtelatorji, giet illum kristalizzata bl-istess **Artikolu 836(9)**. Dan ghaliex l-istess artikolu introdott bil-ligi tal-1995, ikkodifika u applika l-principji elenkati fil-gurisprudenza ta' qabel in materia, dwar l-ezercitazzjoni ta' azzjoni ta' danni wara il-hrug ta' mandat kawtelatorju, u minn ezami tal-istess ragunijiet hekk elenkati, huwa difficli li wiehed jahseb li hemm ragunijiet barra dawk elenkati fl-istess **Artikolu 836**, fejn l-azzjoni in generali tista'tirnexxi".*

*Mill-premess, jidher, li l-pozizzjoni aktar akkredita hija dik abbraccjata minn din il-Qorti f'din il-kawza, u cioe', li r-responsabilita' ghad-danni, naxxenti minn proceduri gudizzjali issib il-limitazzjoni taghha fl-artikolu 836(8) tal-Kap. 12, b'zieda li tista' wkoll tiddependi mill-vessatorjieta' u/jew il-mala fede ta' dak li jkun nieda dawk il-proceduri. Din hi l-pozizzjoni li hadet din il-Qorti, kif presjeduta, fil-kawza "Sammut vs Sammut", deciza fil-5 ta' Gunju, 2003, u l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), kompetenza Superjuri, fil-kawza "Rapa et vs Refalo et", deciza fl-24 ta' Ottubru, 2003".*

Illi mill-fatti kif esposti huwa evidenti li din il-Qorti trid izzomm bilanc bejn id-dritt li persuna jkollha access ghall-qorti sabiex tigi determinata kwalunkwe pretensjoni li dik il-persuna jista' jkollha u mill-banda l-ohra li minghajr ma d-dritt li persuna tirrikorri ghall-qorti jkun lez tali ezercizzju tad-dritt irid ikun fil-limiti tad-dritt u mhux b'abbuz ta' l-istess dritt.

Illi kif diga' gie surreferit aktar 'il fuq f'din is-sentenza fejn il-fatti gew esposti b'mod kronologiku, qabel il-prezentata tal-mandat ta' inibizzjoni whud mill-atturi u Antonia Spiteri kienu baghtu ittra legali rigwardanti din l-art f'Awwissu tas-sena 2000 fejn talbu lil Joseph Vella jersaq ghall- kuntratt rexissorju u dikjaratorju fis-sens illi jirrikonoxxi illi nofs minn din ir-raba' jappartjeni lill-assi ereditarji ta' ommu. Kien biss f'Jannar 2007 li uhud mill-intimati baghtu ittra ufficjali lil Joseph Vella u dan meta l-konvenju kien diga' ffirmat.

Fil-kaz de quo meta Michelina Bugeja ghan-nom ta' l-imsefrin Charles Vella, Doris Apap u Rose Enea talbet il-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni fl-1 ta' Frar 2007 il-bazi tat-talba kienet li din ir-raba' giet akkwistata mill-intimat (illum rikorrent) minghand missieru Francis Vella *"meta dan tal-ahhar ma setax ibiegh l-istess raba' stante li din kienet proprjeta' parafernali ta' martu Guzeppa Vella nee' Spiteri. Ghalhekk dan il-bejgh sar bi frodi tad-drittijiet tar-rikorrenti".*

Illi l-kawza li giet intavolata minn Michelina Bugeja bhala mandatarja tal-imsiefer Rose Enea, Frank Vella, Joseph Vella, Anthony Vella, Margaret Cybulski, Charles Vella u Doris Apap kienet ibbazata fuq il-premessa li l-kuntratt ta' bejgh li sar bejn

Joseph Vella u missieru wara l-mewt ta' omm il-konvenut kien null peress li sostnew li l-fond kien intiret minn ommu u kwindi parafernali u bhala ko-werrieta taghha kienu proprjetarji ta' sehem indiviz. Oltre' dan, b'referenza ghad-dikjarazzjoni li saret bhala provenjenza fuq il-kuntratt ta' bejgh li kien qieghed jigi attakkat ossija li r-raba' giet akkwistata bil-preskrizzjoni akkwizittiva huma ppremettew u sostnew li din giet akkwistata bhala parti mill-komunjoni tal-akkwisti bejn Francis Vella u martu Guzeppa Vella u stante li meta sar it-trasferiment Giuzeppa Vella kienet mejta kien hemm bzonn il-kunsens tal-eredi kollha fosthom huma.

Fis-seduta tad-29 ta' Novembru 2007 l-atturi ddikjaraw li t-tezi taghhom kienet li l-art inkwistjoni kienet ta' certu Giuseppa Theuma li hallietha b'wirt lil Francesco u Giuseppa konjugi Vella pero' ddikjaraw li ma kellhomx taghrif dwar il-mod ta' kif Giuseppa Theuma akkwistat din il-proprjeta'.

Ghalhekk donnu li t-tezi ta' l-atturi f'dik il-kawza u l-ittra li ntbaghtet qabel ma kienux konformi u kwindi wiehed jista' jargumenta li huma ma kienux jafu ezattament fuq x'hiex kienu qeghdin jibbazaw il-pretensjoni taghhom.

Il-Qorti ddecidiet il-kawza fit-2 ta' Ottubru 2008 u cahdet it-talbiet attrici. Ai fini tal-kawza odjerna din il-Qorti se taghmel referenza ghal dak li ntqal mill-istess Qorti:

*"Fil-mertu, rajna kif l-atturi qeghdin jippretendu li l-art kienet originarjament proprjeta' ta' Giuseppa Theuma. L-atturi Charles Vella, Doris Apap u Rose Enea meta fl-1 ta' Frar 2007 ipprezentaw rikors ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex il-konvenut jinzamm milli jittrasferixxi l-art in kwistjoni, ippremettew li l-art "Illi dan il-mandat qed jintalab stante illi din ir-raba' giet akkwistata mill-intimat, li jigi hu Charles Vella u Doris Apap u z-zija ta' Rose Enea, minn ghand missieru Francis Vella meta dan tal-ahhar ma setax ibeigh l-istess raba' stante li din* ***kienet propjeta' parafernali ta' martu Guzeppa Vella nee' Spiteri****. "1. Granet qabel l-istess persuni kienu pprezentaw ittra ufficjali fejn iddikjaraw li l-art in kwistjoni "….ma kienitx tappartjeni lill-missierek Francis Vella izda hija raba' li kienet gejja mill-wirt ta' ommkom u ghalhekk kienet proprjeta' parafernali tal-omm." (fol. 67). Jekk hu hekk ikun ifisser li l-art ghaddiet b'wirt ghand Giuzeppina Vella, u f'dan il-kuntest il-qorti ma tifhimx id-dikjarazzjoni li ghamlet l-attrici Doris Apap li "Ms. Doris Apap does not dispute the ownership of Frank Vella's share of the property that was sold to Joe." (fol. 26). L-istess Michelina Bugeja (mandatarja tal-atturi) qalet: "Din ir-raba' kienet tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti ta' Francis u Giuseppa konjugi Vella….." (fol. 23). F'kull kaz il-qorti hi tal-fehma li ma tressqux provi sodisfacenti li l-proprjeta' kienet tifforma parti mill-wirt ta' Giuseppa Theuma. Hekk per ezempju fid-denunzja li saret fit-13 ta' Awwissu 1952 (fol. 126) wara l-mewt ta' Giuseppa Theuma, din l-art ma tissemmix. Antonia Spiteri (intervenuta fil-kawza), bint Francis u Giuseppina konjugi Vella, xehedet: "Fis-snin sittin mietu certu Felice Muscat. Jiena nisma lil missieri jghid li din ir-raba' kienet ta' Felice Muscat izda peress li missieri ghamel ghomru u zmien jdur u jiehu hsieb Felice Muscat, dan tal-ahhar kien taghilhu bhala hlas talli missieri kien jaghmillu xi faccenda." (fol. 139). Kompliet tghid: "Jiena ma nafx jekk Felic Muscat kienx is-sid ta' l-art jew kellux qbiela fuq l-art. Li naf, skond ma kien jghid il-papa', hu illi Felic kien tah l-art lill-papa' minn qalbu." (fol. 155). Hekk ukoll Carmela Debrincat (intervenuta fil-kawza) u bint Francis u Giuseppina Vella, spjegat: "Jiena dejjem naf lill-papa' jghid illi l-art hi proprjeta' tieghu ghaliex tahielu Felic Muscat." (fol. 150)3. Inoltre, fid-denunzji li saru fir-rigward ta' Giuseppina Vella*

*(prezentata fil-21 ta' Awwissu 1967 u ohra addizzjonali fit- 13 ta' Jannar 1992) ma jirrizultax li l-art mertu ta' din il-kawza giet denunzjata. Dawk kollha li xehedu kemm min-naha ta' l-atturi, tal-konvenut u msejha fil-kawza, u tal-intervenuti fil-kawza hadd ma semma li f'xi zmien ra din l-art fil-pussess ta' Giuseppa Theuma. Anzi l-provi juru li qabel l-art ghaddiet fil-pussess ta' Francis Vella, kienet fil-pussess ta' certu Felic Muscat u anke Frenc Farrugia.*

*Mill-provi ma rrizultax li dawn ghandhom xi relazzjoni familjari ma' Giuseppa Theuma. L-uniku riferenza li saret ghaliha kien minn Antonia Spiteri meta waqt il-kontoezami ddikjarat li "Il-mama' tieghi kienet tghid li din l-art ta' Dun Luqa hi tan-nanna ta' Guzeppa Theuma." (fol. 156) u Rose Enea (bint Saviour Vella wiehed mill-ulied tal-konjugi Theuma) li qalet: "We had always heard and believed that many years ago my grandparents inherited this property from an elderly woman for taking care of her". Pero' min-naha l-ohra meta Giuseppina Vella (ara fol. 128) ghamlet id-denunzja tas-successjoni ta' Giuseppa Theuma, din l-art ma gietx dikjarata. Indizju iehor kontra t-tezi li l-art tifforma part mill-wirt ta' Giuseppa Theuma. Anke xhieda li m'ghandhom l-ebda relazzjoni mal-kontendenti, bhal Saviour Mercieca u Nikola Buttigieg, ma taw l-ebda hjiel li l-art setghet kienet proprjeta' ta' Giuseppa Theuma jew li f'xi zmien kienet fil-pussess taghha."*

Ghar-rigward tal-preskrizzjoni, il-Qorti fis-sentenza taghha qalet hekk:

*"Mill-provi li tressqu l-qorti hi moralment konvinta li fid-data tal-mewt ta' Giuseppina Vella, l-art ta' Dun Luqa kienet ghadha ma tifformax parti mill-akkwisti ta' bejn Francis u Giuseppina Vella. Sabiex tkun tista' tregi t-tezi li fid-data tal-mewt ta' Giuseppina Vella (10 ta' Mejju 1967) l-art ta' Dun Luqa kienet tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti, kellu jirrizulta li kienet ilha fil-pussess animo domini tal-konjugi Vella ghallinqas sa mill-1937. Jekk il-verzjoni ta' l-atturi u l-intervenuti fil-kawza ghandha mis-sewwa, wiehed minghajr ma jrid jistaqsi kif per ezempju l-intervenuta Carmela Debrincat, li taqbel mat-tezi tal-atturi, ma ddikjaratx l-art fid-denunzja addizzjonali li ghamlet in konnessjoni mal-wirt ta' ommha (fol. 72-74). Dan jekk kif qeghda ssostni l-arti kienet tifforma parti mill-akkwisti tal-genituri taghha. F'dan il-kuntest ma nghatat l-ebda spjegazzjoni. Hekk ukoll ma jirrizultax li xi hadd mill-atturi kien iddenunzja din l-art wara l-mewt ta' Giuseppina Vella. Il-provi jwasslu lill-Qorti biex tikkonkludi li Francis Vella beda jippossjedi l-art fis-snin hamsin jew l-iktar kmieni lejn l-ahhar tas-snin erbghin. Kien minn dak iz-zmien li wiehed jista' jsostni li Francis Vella kien qieghed jippossjedi l-art animo domini, meta fi kliem Saviour Mercieca **"…lanqas id-dubbien ma setghu jghaddu minn hemm"**. Dan ifisser li fid-data tal-mewt ta' Giuseppina Vella (10 ta' Mejju 1967) l-art kienet ghadha ma saritx proprjeta' taghhom ghaliex it-tletin (30) sena kienu ghadhom m'ghaddewx.*

Illi sar appell li gie dikjarat dezert permezz tad-decizjoni tat-18 ta' Ottubru 2010. Matul il-perjodu ta' kwazi tliet snin ghalhekk il-mandat ta' inibizzjoni baqa' fis-sehh u ghaldaqstant l-art inkwistjoni zgur li ma setghetx tinbiegh.

L-atturi fil-kawza odjerna jsostnu li l-proceduri saru vessatorjament u nutilment u bl-iskop li jfixklu t-trasferiment tal-proprjeta' favur terzi.

Kif diga' gie rilevat, il-kuntratt ta' bejgh li kien mertu tal-mandat ta' inibizzjoni u l-kawza li segwit gie ppubblikat fis-17 ta' Gunju 1988. Francis Vella miet fl-1991 u l-ewwel ittra lil Joseph Vella minn uhud minn hutu u neputijiet intbaghtet f'Awwissu 2000. Il-konvenju bejn Joseph Vella u martu ma' JB Holdings Limited gie ffirmat fit-23 ta' Settembru 2006 u l-kuntratt kellu jigi ffirmat sal-15 ta' Gunju 2007. F'Jannar 2007 intbaghtet ittra ufficjali u fl-1 ta' Frar 2007 intalab il-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni. Fit-13 ta' Gunju 2007 il-konvenju gie mgedded u fih jissemma' li l-bejgh ma setax isir minhabba l-mandat ta' inibizzjoni. Fit-23 ta' Dicembru 2010 giet iffirmata skrittura bejn Joseph Vella u GAV Limited (li giet assenjata d-drittijiet ta' JB Holdings Limited) u gie miftiehem kif kien se jsir il-hlas. F'din l-iskrittura gie dikjarat li JB Holdings Limited ma kienx aktar f'posizzjoni li jhallas il-prezz u dan minhabba d-dewmien biex il-mandat jigi revokat.

L-atturi fil-kawza odjerna qeghdin jitolbu d-danni bejn il-15 ta' Gunju 2007 (meta kellu jigi ffirmat il-kuntratt) u t-18 ta' Ottubru 2010 (sakemm l-appell gie dikjarat dezert) u dawn qeghdin jippretendu l-ammont ta' €385,303 rapprezentanti telf ta' imghax; u €270,258 rapprezentanti telf fir-rata tal-kambju.

Filwaqt li huwa minnu li l-imsiefra hallew ammont ta' snin ighaddu minghajr ma agixxew jidher li huma gieli tkellmu ma' Joseph Vella fuq din l-art. Kollox irid jittiehed fil-perspettiva bejn li l-atturi fil-procedura l-ohra jghixu fl-esteru u li huma ahwa jew neputijiet ta' Joseph Vella. Hekk kif saru jafu bil-konvenju agixxew. Huwa minnu li l-kawza tilfuha izda dan il-fattur wahdu mhux bizzejjed biex jaghti lok ghall-kundanna ghall- hlas ta' danni. Huwa evidenti li l-atturi f'dik il-kawza kkoperaw u ma hlewx zmien (certament dan huwa wkoll mertu tal-Qorti li kienet qeghda tippresjedi) izda dan ikompli jsahhah il-fehma tal-Qorti li huma ma kienux qeghdin jagixxu b'pika izda ghaliex kienu jemmnu li kellhom dritt. D'altronde ghar-rigward tal-pretensjoni taghhom li l-art *de quo* wirtitha ommhom minghand Giuseppa Theuma jinghad li rrizulta li l-omm wirtet minghand Giuseppa Theuma. Il-fatt li l-art ma kinitx giet denunzjata minn ommhom ghalkemm seta' kien hemm indikazzjoni pero' lanqas m'hi konklussiva ghaliex id-denunzja mhix prova ta' titolu. Li huwa zgur li fuq din l-art ma kienx hemm kuntratt ta' bejgh li seta' jiddetermina b'mod konklussiv li l-art kienet giet mixtrija f'data preciza minn missier jew omm il-partijiet. Tant huwa hekk li fil-kuntratt ta' bejgh tal-1988 li sar bejn Joseph Vella u Francis Vella bhala provenjenza gie dikjarat li l-art kienet giet akkwistata bil-preskrizzjoni akkwizittiva trigenarja. Ghalhekk l-art kienet f'idejn il-missier anki fi zmien li kienet hajja l-omm u ghaldaqstant ma jistax jinghad li l-pretensjoni kienet totalment infondata. Infatti l-Qorti kellha tiddetermina minn meta bejn wiehed u iehor beda jiddekorri t-terminu ghall-preskrizzjoni akkwizittiva u minn qari ta' l-istess sentenza dan lanqas ma jirrizulta li gie determinat b'mod specifiku tant li l-Qorti rriteniet li *"Il-provi jwasslu lill-Qorti biex tikkonkludi li Francis Vella beda jippossjedi l-art fis-snin hamsin jew l-iktar kmieni lejn l-ahhar tas-snin erbghin."*

Minn qari tar-rikors ta' l-appell jirrizulta li l-atturi ressqu l-argumenti taghhom. Wiehed seta' ma jaqbilx maghhom izda din il-Qorti temmen li dan ghamluh in

ezercizzju tal-pretensjoni taghhom u mhux b'pika. Irrizulta wkoll li l-appell gie dikjarat dezert ghaliex il-kawtela kienet somma kbira hafna.

Waqt il-process tal-gbir tal-provi, il-konvenuti argumentaw li l-bejgh tal-art in verita' ma sehhx mhux minhabba li kien hemm fis-sehh il-mandat ta' inibizzjoni izda minhabba li permess ta' zvilupp ma harigx fuq din l-art u minflok kellha ssir *planning control application* li huwa process li jiehu fit-tul. Meta din tigi processata fil-kaz li tigi determinata tkun trid issir applikazzjoni ta' zvilupp.

L-atturi odjerni jsostnu li l-konvenuti ma ressqux bhala eccezzjoni din il-kwistjoni u ghalhekk din il-qorti ma tistax tiehu konjizzjoni taghha.

In verita' aktar milli eccezzjoni dan tressaq bhala argument ghalfejn il-konvenuti ma ghandhomx jinzammu responsabbli ghad-danni. Bhala prova tressaq Mark Grech (li huwa direttur tas-sovjeta' GAV Limited li fethet kawza kontra l-atturi odjerni) u li allura x-xhieda tieghu trid tittiehed b'certu cirkospezzjoni. Madankollu l-kawza tieghu tirrigwarda l-konvenju li sar fit-23 ta' Dicembru 2010 u kwindi wara li l-mandat gie revokat u jigi nnutat ukoll li l-atturi odjerni mhux qed jippretendu danni ghal dan iz-zmien izda biss ghal perjodu li l-mandat ta' inibizzjoni inzamm fis-sehh. Dan Mark Grech xehed li r-ragunijiet li ma sarx il-kuntratt kienu (i) il-mandat ta' inibizzjoni; u (ii) li ma harigx permess ta' zvilupp. Huwa ma kienx qieghed jixhed biss ghaz-zmien wara li gie revokat il-mandat ta' inibizzjoni izda anki qabel. Verament li fl-iskritturi ta' tigdid tissemma' biss bhala raguni li ma giex ippubblikat il-kuntratt ta' bejgh il-mandat ta' inibizzjoni izda hekk kif xehed Mark Grech li kien involut fit-tigdid (ghaliex kien jidher f'isem JB Holdings Limited) il-kontraenti kienu jafu li l-kawza mhux se tinqata' mil-lum ghall-ghada u hasbu li kien hemm bizzejjed zmien biex jinhareg il-permess ghall-izvilupp. Oltre' dan mid-dokumenti ezebiti jirrizulta li permezz ta' ittra datata 15 ta' Mejju 2007 (kwindi fit-terminu tal-konvenju originali) kienet diga' harget l-ittra mill-MEPA li kien jehtieg Planning Control Application qabel xejn. Kwindi lanqas ma jista' jigi eskluz li din il-kwistjoni setghet kienet raguni ohra izda zgur mhux l-unika ghalfejn ma sarx il-bejgh. Naturalment jekk l-akkwirent prospettiv kellux raguni valida li ma resaqx abbazi ta' din il-kwistjoni tal-permess hija kwistjoni ohra li trid tigi determinata fi proceduri ohra.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti Spiteri u Debrincat u tilliberahom mill-osservanza tal-gudizzju; tilqa' l-ewwel eccezzjoni ta' Michelina Bugeja u tilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju, tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kollha a karigu taghhom.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------